MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2024

Avviż Numru: 285/2022NHV

**Erremme Business Advisors Limited**
(C-30153)

**vs.**

**Barbuto Manufacturing Limited**
(C-93080)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà intimata tas-somma ta' ħamest elef, tliet mija u sbatax-il Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€5,317.28) bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 2604/2022 datata t-2 ta' Novembru 2022 u bl-interessi mill-aħħar fattura datat l-10 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimata li kienet inġunta għas-subizzjoni.[1]

Rat li b'digriet tas-26 ta' Diċembru 2022,[2] din il-Qorti kif diversament presjeduta, appuntat l-avviż għas-smiegħ għas-seduta tal-20 ta' Frar 2023.

[1] Fol. 1 tal-proċess;
[2] Fol. 3 tal-proċess;

Rat li s-soċjetà intimata ġiet notifikata b'dawn il-proċeduri.

Rat ir-**Risposta** tas-soċjetà Barbuto Manufacturing Limited (C-93080)[3], li permezz tagħha laqgħat għat-talbiet permezz tal-eċċezzjonijiet mressqa nhar il-15 ta' Settembru 2023, fejn eċċepiet li t- talbiet rikorrenti huma nfondati fil- fatt u fid- dritt u għandhom jiġu miċħuda bl- ispejjeż u dana għar-raġunijiet segwenti:

1. Illi mill-avviż tal-kawża, ma jirriżultax ta' xhiex intalab il-ħlas relattiv, u minkejja li fl- istess avviż saret referenza għall-fattura datata 10 ta' Diċembru 2020, din il-fattura ma ġietx allegata u konsegwentement is-soċjetà esponenti mhiex f' pożizzjoni li tiddefendi ruħha b' mod adegwat.

2. Illi s-soċjetà esponenti qatt ma rċeviet il-fattura menzjonata u konsegwentement mgħandhiex kopja tal-istess.

3. Illi s-soċjetà esponenti ma rriżultalhiex illi hija debitriċi tal-atturi, u konsegwentement hija kkontestat t-talba attriċi fis-sens li eċċepiet illi hija mhijiex debitriċi tal-istess soċjetà attriċi u rriservat d-dritt illi tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ fil-mument illi s-soċjetà attriċi tagħti aktar dettalji dwar it- talba tagħha.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat d-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2023[4], li permezz tiegħu, wara li eżaminat prima facie ċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li semgħet lill-partijiet, u rat l-Artikolu 171A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qieset li ma hemmx raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-medjazzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.[5]

[3] Fol. 20 tal-proċess;
[4] Fol. 19 tal-proċess;
[5] Fol. 46a tal-proċess;

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti, fejn permezz tax-xiehda ta' **Tracy Buttigieg**, Direttur f'Erremme Human Capital Limited, mogħtija viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta[6], spjegat li hija tramite s-soċjetà Erremme Human Capital Limited tagħti servizz lil Erremme Busiess Advisors fil-kontijiet u fatturi għal servizzi reżi u ppreżentat dokumenti mmarkati minn TB1 sa TB7 li huma diversi fatturi maħruġa minn Erremme Business Advisors lil Barbuto Manufacturing Limited flimkien mal-ispjegazzjoni tas-servizzi reżi u tal-ħinijiet ta' xogħolijiet li saru mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata. Meta mistoqsija, ikkonfermat li ma saru ebda ħlasijiet minkejja li kienu ntbagħtu diversi kopji tal-istatements, u li l-ammont pretiż ta' €5317 kien għadu dovut.

Semgħet lix-xhud mressaq mis-soċjetà rikorrenti, **Reuben Buttigieg**, li huwa direttur ta' Erremme Business Advisors, li xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta[7], fejn irrefera għax-xiehda mogħtija minn Tracy Buttigieg u kkonferma li ċerta Jean Paul Mifsud u Jacques Mifsud kienu talbuh jagħti servizzi relatati mal-formazzjoni u ż-żamma tal-kumpanija intimata, u s-soċjetà rikorrenti rrendiet diversi servizzi lis-soċjeta' konvenuta u ta' dan kien nżamm rendikont tal-ħinijiet u servizzi reżi lis-soċjetà intimata. Meta mistoqsi kkonferma li ma kienu saru ebda pagamenti.

Rat li waqt is-seduta miżmuma nhar it-28 ta' Novembru 2023, is-soċjetà rikorrenti ddikjarat li ma fadallhiex aktar provi xi tressaq.[8]

Rat illi minkejja li s-soċjetà intimata ngħatat il-fakoltà minn din il-Qorti sabiex tressaq il-provi tagħha fi tliet seduti appożiti, dina ma attendietx u ma ressqet l-ebda prova.[9]

Għalhekk din il-Qorti, fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2024[10], iddikjarat il-provi tas-soċjetà intimata magħluqa.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Din il-kawża titratta dwar ħlas ta' ammonti dovuti għal servizzi reżi.

---

[6] Minnha mogħtija nhar it-28 ta' Novembru 2023, fol. 40 sa 43 tal-proċess;
[7] Minnu mogħtija nhar it-28 ta' Novembru 2023, fol. 43 u 44 tal-proċess;
[8] Fol. 25 tal-proċess;
[9] Dan seħħ kemm fis-seduta tal-14 ta' Frar 2024, fol. 45 tal-proċess, tat-22 ta' April 2024, fol. 47 tal-proċess, kif ukoll tas-17 ta' Ġunju 2024, fol. 48 tal-proċess;
[10] Fol. 48 tal-proċess;

Is-soċjetà attriċi ppreżentat il-provi permezz ta’ xiehda viva voċe u dokumentari biex tispjega u ssostni l-pożizzjoni tagħha li ġew reżi servizzi lis-soċjetà konvenuta, u ddikjarat li ma tħallsitx is-somma dovuta lilha u reklamata permezz tal-avviż promotur.

Irriżulta li minkejja li tressqu eċċezzjonijiet da parti tas-soċjetà intimata, din naqqset li tippreżenta l-provi tagħha sabiex tikkontesta t-talba u l-provi kif imressqa mis-soċjetà rikorrenti.

Rat li dak mitlub mill-Artikolu 171 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex titmexxa kawża quddiem din il-Qorti, ġew kollha sodisfatti.

Il-Qorti għaldaqstant tqis li t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti ġiet sodisfaċentement ippruvata minnha u kwindi ser tkun milqugħa.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata Barbuto Manufacturing Limited tħallas lis-soċjetà rikorrenti Erremme Business Advisors Limited is-somma ta’ ħamest elef, tliet mija u sbatax-il Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€5,317.28), bl-imgħax legali dekorribbli b’effett mill-10 ta’ Diċembru 2020, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż kif mitluba, inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 2604/2022, huma a karigu tas-soċjetà intimata.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur